IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DIRETTIVA 2009/147/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi**

**(verżjoni kodifikata)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi [3] ġiet emendata kemm-il darba [4] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1600/2002/KE tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarja għall-Ambjent [5] tipprevedi azzjonijiet speċifiċi għall-biodiversità, inkluża l-protezzjoni tal-għasafar u tal-ambjent naturali tagħhom.

(3) Numru kbir ta' speċi ta' għasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri qed jonqsu fin-numru, f'ħafna każi b'mod mgħaġġel. Dan it-tnaqqis jirrappreżenta theddid serju għall-konservazzjoni tal-ambjent naturali, partikolarment minħabba l-bilanċi bijoloġiċi mhedda minn dan.

(4) L-ispeċi tal-għasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri huma prinċipalment speċi li jemigraw. Speċi bħal dawn jikkostitwixxu patrimonju komuni u l-protezzjoni effettiva tal-għasafar hija problema ambjentali tipikament transkonfinali li ġġib magħha responsabbiltajiet komuni.

(5) Il-konservazzjoni tal-ispeċi tal-għasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri hija neċessarja biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità rigward it-tmexxija 'l quddiem tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-iżvilupp sostenibbli.

(6) Il-miżuri li għandhom jittieħdu għandhom japplikaw għal fatturi varji li jistgħu jaffetwaw in-numru tal-għasafar, prinċipalment rigward ir-riperkussjonijiet tal-attivitajiet tal-bniedem u partikolarment il-qerda u t-tniġġis tal-ambjent naturali tagħhom, qbid u qtil mill-bniedem u l-kummerċ li jirriżulta minn din il-prattika. Is-strettezza ta' dawn il-miżuri għandhom ikunu adattati għas-sitwazzjoni partikolari tal-ispeċi varji fil-qafas ta' politika tal-konservazzjoni.

(7) Il-konservazzjoni hija mmirata lejn il-protezzjoni fit-tul u l-amministrazzjoni tar-riżorsi naturali bħala parti integrali tal-patrimonju tal-poplu tal-Ewropa. Din tagħmel possibbli l-kontroll tar-riżorsi naturali u tirregola l-użu tagħhom fuq il-bażi tal-miżuri neċessarji għal manutenzjoni u l-aġġustamenti tal-bilanċi naturali bejn speċi sakemm huwa raġonevolment possibbli.

(8) Il-preżervazzjoni, il-manutenzjoni jew ir-restawrazzjoni ta' diversità u ta' żoni ta' *habitat* suffiċjenti huma essenzjali għall-konservazzjoni tal-ispeċi kollha tal-għasafar. Ċerti speċi tal-għasafar għandhom ikunu suġġetti għal miżuri speċjali ta' konservazzjoni li jikkonċernaw l-ambjent naturali tagħhom bl-għan li jassiguraw is-sopravvivenza tagħhom u r-riproduzzjoni tagħhom fiż-żoni tad-distribuzzjoni tagħhom. Miżuri simili għandhom jieħdu wkoll in kunsiderazzjoni l-ispeċi li jemigraw u għandhom ikunu koordinati bl-għan li jirriżultaw f'koerenza sħiha.

[1] Opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009
[3] ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
[4] Ara l-Anness VI, Partijiet A.
[5] ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

(9) Bl-għan li jkun evitat li l-interessi kummerċjali jeżerċitaw pressjoni possibbili perikoluża fuq il-livelli tal-isfruttar, huwa neċessarju li tkun imposta projbizzjoni ġenerali fuq il-kummerċ u li jkunu ristretti d-derogi kollha għal dawk l-ispeċi li l-istatus bijoloġiku tagħhom jippermetti dan, kunsiderazzjoni tkun meħuda tal-kondizzjonijiet speċifiċi li jkun hemm f'reġjuni differenti.

(10) Minħabba l-livell għoli tal-popolazzjoni, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rata tar-riproduzzjoni tagħhom fil-Komunità kollha, ċerti speċi jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa, li jikkostitwixxu sfruttar aċċetabbli. Għaldaqstant, ċerti limiti huma stabbiliti u rispettati, kaċċa bħal din għandha tkun kompatibbli mal-manteniment tal-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi f'livell sodisfaċenti.

(11) Il-mezzi, l-apparat u l-metodi ta' kaċċa jew qtil fuq skala kbira jew tal-kaċċa li ma hix selettiva jew qtil u kaċċa flimkien ma' ċerti forom ta' trasport għandhom ikunu projbiti minħabba l-pressjoni eċċessiva li huma jeżerċitaw fuq in-numri tal-ispeċi konċernati.

(12) Minħabba l-importanza li tista' tkun marbuta ma' ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi, għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-possibilità ta' derogi fuq ċerti kundizzjonijiet u suġġetti għal monitoraġġ mill-Kummissjoni.

(13) Il-konservazzjoni tal-għasafar u, partikolarment, tal-għasafar li jemigraw għadha tippreżenta problemi li jeħtieġu riċerka xjentifika. Riċerka simili tagħmilha possibbli ukoll li tagħmel stima tal-effettività tal-miżuri meħuda.

(14) Għandha ssir attenzjoni, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, biex wieħed jassigura li l-introduzzjoni ta' xi speċi ta' għasafar selvaġġi li ma jinsabux fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri ma jikkawżawx ħsara għall-flora u l-fawna lokali.

(15) Il-Kummissjoni kull tlett snin għandha tipprepara u tittrażmetti lill-Istati Membri rapport kompost ibbażat fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali introdotti skont din id-Direttiva.

(16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(17) Jeħtieġ b'mod partikolari li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex temenda ċerti Annessi fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku. Minħabba li dawn il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u l-għan tagħhom huwa li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(18) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VI, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva hija dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi kollha tal-għasafar li jinsabu fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Din tkopri l-protezzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' dawn l-ispeċi u tippreskrivi regoli għall-isfruttar tagħhom.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-għasafar, il-bajd, il-bejtiet u l-ambjent naturali tagħhom.

*Artikolu 2*

L- Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni tal-ispeċi kollha msemmija fl-Artikolu 1 fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ekonomiċi u rekreazzjonali.

*Artikolu 3*

1. Fid-dawl tal-ħtiġiet msemmija fl-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippreżervaw, imantnu jew jistabbilixxu mill-ġdid diversità u żoni ta' ambjent naturali suffiċjenti għall-ispeċi kollha tal-għasafar msemmija fl-Artikolu 1.

2. Il-preżervazzjoni, iż-żamma u l-istabbiliment mill-ġdid tal-bijotopi u l-ambjent naturali għandhom jinkludu primarjament il-miżuri li ġejjin:

(a) kreazzjoni ta' żoni ta' protezzjoni;

(b) żamma u l-iżvilupp bi qbil mal-bżonnijiet ekoloġiċi tal-ambjent naturali ġewwa u barra ż-żoni ta' protezzjoni;

(c) l-istabbiliment mill-ġdid tal-bijotopi meqruda;

(d) kreazzjoni ta' bijotopi.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 4*

1. L-ispeċi msemmija fl-Anness I għandhom ikunu s-suġġetti ta' miżuri speċjali ta' konservazzjoni li jikkonċernaw l-ambjent naturali tagħhom bil-għan li tkun assigurata s-sopravvivenza u r-riproduzzjoni tagħhom fiż-żona tad-distribuzzjoni tagħhom.

F'konnessjoni ma' dan, għandu jittieħed kont tal-:

(a) ispeċi fil-perikolu tal-estinzjoni;

(b) ispeċi vulnerabbli għal ċertu tibdil fl-ambjent naturali tagħhom;

(c) ispeċi kkunsidrati rari minħabba popolazzjonijiet żgħar jew distribuzzjoni lokali ristretta;

(d) ispeċi oħra li jkollhom bżonn attenzjoni partikolari għarraġunijiet tan-natura speċifika tal-ambjent naturali tagħhom.

Id-drawwiet u l-varjazzjonijiet fil-livelli tal-populazzjoni għandhom ikunu meħuda in konsiderazzjoni bħala sfond għal evalwazzjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jikklassifikaw l-aktar territorji tajbin fin-numru u daqs, partikolarment bħala żoni ta' protezzjoni speċjali għall-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċi fiż-żona ġeografika tal-baħar u tal-art fejn tapplika din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri simili għall-ispeċi migratorji regolari mhux elenkati fl-Anness I, billi jżommu f'moħħhom il-bżonn tagħhom għal protezzjoni fiż-żona ġeografika tal-baħar u tal-art fejn tapplika din id-Direttiva, rigward iż-żoni ta' tgħammir, tbiddil u żoni fejn iqattgħu x-xitwa u postijiet ta' waqfien tul ir-rotot migratorji tagħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-artijiet niedja u partikolarment għall-artijiet niedja ta' importanza internazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti sabiex din tkun tista' tieħu inizjattivi xierqa bil-għan li tikkoordina b'mod xieraq biex tassigura li ż-żoni li hemm provduti fil-paragrafi 1 u 2 jiffurmaw koerenza sħiħa li tkun konformi mal-ħtiġiet ta' protezzjoni ta' dawn l-ispeċi fiż-żona ġeografika tal-baħar u tal-art fejn tapplika din id-Direttiva.

4. Fir-rigward taż-żoni ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jevitaw tniġġis jew deterjorazzjoni tal-ambjent naturali u kwalunkwe tfixkil li jaffettwa l-għasafar, sakemm dawn jistgħu ikunu sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet ta' dan l-Artikolu. Barra minn dawn iż-żoni tal-protezzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-iżjed possibbli biex jevitaw it-tniġġis jew deterjorazzjoni tal-ambjent naturali.

*Artikolu 5*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, li tipprojbixxi partikolarment:

(a) il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu;

(b) il-qerda, jew il-ħsara intenzjonata lill-bejtiet u l-bajd tagħhom jew it-tneħħija tal-bejtiet tagħhom;

(c) teħid tal-bajd tagħhom fis-salvaġġ u ż-żamma ta' dawn il-bajd anke jekk vojta;

(d) it-tfixkil intenzjonat ta' dawn l-għasafar partikolarment waqt il-perjodu tat-tgħammir u tkabbir, sakemm dan it-tfixkil jista jkun sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet ta' din id-Direttiva;

(e) iż-żamma tal-għasafar ta' speċi li l-kaċċa u l-qabda tagħhom hija pprojbita.

*Artikolu 6*

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu, għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, il-bejgħ, it-trasport għall-bejgħ, iż-żamma għall-bejgħ u l-offerta għall-bejgħ ta' għasafar ħajjin jew mejtin ta' xi partijiet faċilment jintgħarfu jew derivattivi ta' dawn l-għasafar.

2. L-attivitajiet msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu pprojbiti għall-ispeċi msemmija fl-Anness III Parti A, sakemm l-għasafar li kienu maqtula jew maqbuda legalment jew b'mod ieħor akkwistati b'mod legali.

3. L-Istati Membri jistgħu, għall-ispeċi elenkati fl-Anness III, Parti B, jippermettu fit-territorju tagħhom l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, billi jagħmlu dispożizzjonijiet għal ċerti restrizzjonijiet, kemm il-darba l-għasafar kienu legalment maqtula jew maqbuda jew b' xi mod ieħor legalment akkwistati.

L-Istati Membri li jixtiequ jagħtu awtorizzazzjoni simili għandhom l-ewwel qabel kollox jikkonsultaw mal-Kummissjoni bl-għan li jeżaminaw flimkien magħha jekk il-kummerċ tal-kampjuni tal-ispeċi bħal dawn jistax jirriżulta jew jistax ikun raġonevolment maħsub li jirriżulta li l-livelli tal-popolazzjoni, id-distribuzzjoni ġeografika jew ir-rata tar-riproduzzjoni tal-ispeċi jkunu perikolati fil-Komunità. Jekk dan l-eżami juri li l-awtorizzazzjoni maħsuba, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, se tirriżulta f'waħda mill-ispeċi msemmija qabel li tkun hekk perikolata jew bil-possibiltà li huma jkunu hekk ipperikolati, il-Kummissjoni għandha tibgħat rakkomandazzjoni raġunata lill-Istat Membru kkonċernat li tesprimi fiha l-oppożizzjoni tagħha għall-kummerċ tal-ispeċi in kwistjoni. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li ma jeżisti ebda riskju, din għandha tinforma b'dan lill-Istat Membru kkonċernat.

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun qed jagħti awtorizzazzjoni skont dan il-paragrafu għandu jivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din jibqgħu jiġu mħarsa.

*Artikolu 7*

1. Minħabba l-livell tal-popolazzjoni tagħhom, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rata tar-riproduttività fil-Komunità, l-ispeċi elenkati fl-Anness II jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-kaċċa ta' dawn l-ispeċi ma tfixkilx l-isforzi tal-konservazzjoni fiż-żona tad-distribuzzjoni tagħhom.

2. L-ispeċi msemmija fl-Anness II, Parti A jistgħu jkunu suġġetti għal kaċċa fiż-żona ġeografika tal-baħar u tal-art fejn tapplika din id-Direttiva.

3. L-ispeċi msemmija fl-Anness II, Parti B jistgħu jkunu suġġetti għal kaċċa biss fl-Istati Membri li jkunu indikati.

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-prattika tal-kaċċa, inkluż il-falkunerija jekk prattikata, kif prattikata bi qbil mal-miżuri nazzjonali fis-seħħ, tikkonforma mal-prinċipji tal-użu bil-għaqal u l-bilanċ ekoloġiku tal-kontroll tal-ispeċi tal-għasafar kkonċernati u li din il-prattika tkun kompatibbli għal dak li jirrigwarda l-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi, partikolarment l-ispeċi migratorji, mall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2.

Dawn għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li japplikaw għalihom il-liġijiet tal-kaċċa ma humiex suġġetti għal kaċċa fl-istaġun tat-trobbija u lanqas waqt l-istadji differenti tar-riproduzzjoni.

Fil-każ tal-ispeċi migratorji, għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li r-regolamenti tal-kaċċa japplika għalihom ma humiex suġġetti għall-kaċċa waqt il-perjodu tar-riproduzzjoni tagħhom jew waqt il-perjodu tar-ritorn tagħhom għall-postijiet tat-trobbija.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni fil-prattika tar-regolamenti tal-kaċċa tagħhom.

*Artikolu 8*

1. Dwar il-kaċċa, qabda jew qtil tal-għasafar taħt din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-mezzi, arranġamenti u l-metodi kollha użati għall-qabda jew qtil tal-għasafar fuq skala kbira jew mhux selettiva jew li jkunu kapaċi jikkawżaw l-għejbien lokali ta' speċi, partikolarment l-użu ta' dawk elenkati fl-Anness IV punt (a).

2. Aktar minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu kull kaċċa mill-modi tat-trasport u taħt il-kondizzonijiet imsemmija fl- Anness IV, punt (b).

*Artikolu 9*

1. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonjiet tal-Artikoli 5 sa 8, fejn ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) — fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà tal-pubbliku;

— fl-interess tas-sigurtà tal-ajru;

— biex ikunu prevenuti l-ħsarat serji tal-uċuħ, tal-bhejjem, tal-foresti, tas-sajd u tal-ilma;

— għall-protezzjoni tal-flora u l-fawna;

(b) għal għanijiet tar-riċerka u t-tagħlim, tar-ripopolazzjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid u għat-tagħmir neċessarju għal dawn l-għanijiet;

(c) biex jippermettu, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta u fuq bażijiet selettivi, il-qabda, iż-żamma jew l-użi oħra meqjusa ta' ċerti għasafar f'numri żgħar.

2. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw:

(a) l-ispeċi li huma suġġetti għad-derogi;

(b) l-mezzi, l-arranġamenti jew il-metodi awtorizzati għall-qabda jew il-qtil;

(c) il-kondizzjonjiet tar-riskju u ċ-ċirkostanzi taż-żmien u l-post skont liema derogi bħal dawn jistgħu jingħataw;

(d) l-awtorità li jkollha s-setgħa li tiddikjara li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkunu sodisfatti u li tiddeċidi liema mezzi, arranġamenti jew metodi jistgħu jkunu użati, f'liema limiti u minn min;

(e) il-kontrolli li se jkunu magħmula.

3. Kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2.

4. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha u partikolarment fl-informazzjoni kommunikata skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha dejjem tassigura li l-konsegwenzi tad-derogi previsti fil-paragrafu 1 ma humiex inkompatibbli ma' din id-Direttiva. Din għandha tieħu passi xierqa għal dan l-iskop.

*Artikolu 10*

1. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixu r-riċerka u kull ħidma meħtieġa bħala bażi tal-protezzjoni, l-amministrazzjoni u l-użu tal-popolazzjoni tal-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1. Ser tingħata attenzjoni partikolari lir-riċerka u lill-ħidma li jikkonċernaw is-suġġetti elenkati fl-Anness V.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni kull informazzjoni meħtieġa biex jgħinuha tieħu l-miżuri xierqa għall-koordinazzjoni tar-riċerka u l-ħidma msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 11*

L-Istati Membri għandhom jaraw li kull introduzzjoni tal-ispeċi tal-għasafar li ma jinstabux fin-natura fl-istat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri ma jippreġudikawx il-flora u l-fawna lokali. B'konnessjoni ma' dan dawn għandhom jikkonsultaw lill-Kummissjoni.

*Artikolu 12*

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni kull tliett snin, li jibdew mis-7 ta' April 1981 rapport dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali meħuda taħt din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprepara kull tliett snin rapport kompost ibbażat fuq l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dik il-parti tal-abbozz tar-rapport li jkopri l-informazzjoni mogħtija minn Stat Membru għandha tkun mibgħuta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-kwistjoni għal verifika. Il-verżjoni finali tar-rapport għandha tkun mibgħuta lill-Istati Membri.

*Artikolu 13*

L-applikazzjoni tal-miżuri meħuda skont din id-Direttiva ma għandhomx iwasslu għad-deterjorazzjoni fis-sitwazzjoni preżenti rigward il-konservazzjoni tal-ispeċi tal-għasafar kollha msemmi fl-Artikolu 1.

*Artikolu 14*

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti minn dawk li hemm previsti f'din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

Għandhom jiġu adottati l-emendi neċessarji għall-adattament tal-Annessi I u V għall-progress tekniku u xjentifiku. Dawn il-miżuri bl-iskop li jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati b' konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).

*Artikolu 16*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Addattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku.

2. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a, paragrafi 1 sa 4, u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 17*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonjiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 18*

Id-Direttiva 79/409/KEE, kif emendata mill-atti elenkati fl-Anness VI, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi elenkati fl-Anness VI, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

*Artikolu 19*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 20*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | B. ASK |

*ANNESS I*

GAVIIFORMES

Gaviidae

*Gavia stellata*

*Gavia arctica*

*Gavia immer*

PODICIPEDIFORMES

Podicipedidae

*Podiceps auritus*

PROCELLARIIFORMES

Procellariidae

*Pterodroma madeira*

*Pterodroma feae*

*Bulweria bulwerii*

*Calonectris diomedea*

*Puffinus puffinus mauretanicus (Puffinus mauretanicus)*

*Puffinus yelkouan*

*Puffinus assimilis*

Hydrobatidae

*Pelagodroma marina*

*Hydrobates pelagicus*

*Oceanodroma leucorhoa*

*Oceanodroma castro*

PELECANIFORMES

Pelecanidae

*Pelecanus onocrotalus*

*Pelecanus crispus*

Phalacrocoracidae

*Phalacrocorax aristotelis desmarestii*

*Phalacrocorax pygmeus*

CICONIIFORMES

Ardeidae

*Botaurus stellaris*

*Ixobrychus minutus*

*Nycticorax nycticorax*

*Ardeola ralloides*

*Egretta garzetta*

*Egretta alba (Ardea alba)*

*Ardea purpurea*

Ciconiidae

*Ciconia nigra*

*Ciconia ciconia*

Threskiornithidae

*Plegadis falcinellus*

*Platalea leucorodia*

PHOENICOPTERIFORMES

Phoenicopteridae

*Phoenicopterus ruber*

ANSERIFORMES

Anatidae

*Cygnus bewickii (Cygnus columbianus bewickii)*

*Cygnus cygnus*

*Anser albifrons flavirostris*

*Anser erythropus*

*Branta leucopsis*

*Branta ruficollis*

*Tadorna ferruginea*

*Marmaronetta angustirostris*

*Aythya nyroca*

*Polysticta stelleri*

*Mergus albellus (Mergellus albellus)*

*Oxyura leucocephala*

FALCONIFORMES

Pandionidae

*Pandion haliaetus*

Accipitridae

*Pernis apivorus*

*Elanus caeruleus*

*Milvus migrans*

*Milvus milvus*

*Haliaeetus albicilla*

*Gypaetus barbatus*

*Neophron percnopterus*

*Gyps fulvus*

*Aegypius monachus*

*Circaetus gallicus*

*Circus aeruginosus*

*Circus cyaneus*

*Circus macrourus*

*Circus pygargus*

*Accipiter gentilis arrigonii*

*Accipiter nisus granti*

*Accipiter brevipes*

*Buteo rufinus*

*Aquila pomarina*

*Aquila clanga*

*Aquila heliaca*

*Aquila adalberti*

*Aquila chrysaetos*

*Hieraaetus pennatus*

*Hieraaetus fasciatus*

Falconidae

*Falco naumanni*

*Falco vespertinus*

*Falco columbarius*

*Falco eleonorae*

*Falco biarmicus*

*Falco cherrug*

*Falco rusticolus*

*Falco peregrinus*

GALLIFORMES

Tetraonidae

*Bonasa bonasia*

*Lagopus mutus pyrenaicus*

*Lagopus mutus helveticus*

*Tetrao tetrix tetrix*

*Tetrao urogallus*

Phasianidae

*Alectoris graeca*

*Alectoris barbara*

*Perdix perdix italica*

*Perdix perdix hispaniensis*

GRUIFORMES

Turnicidae

*Turnix sylvatica*

Gruidae

*Grus grus*

Rallidae

*Porzana porzana*

*Porzana parva*

*Porzana pusilla*

*Crex crex*

*Porphyrio porphyrio*

*Fulica cristata*

Otididae

*Tetrax tetrax*

*Chlamydotis undulata*

*Otis tarda*

CHARADRIIFORMES

Recurvirostridae

*Himantopus himantopus*

*Recurvirostra avosetta*

Burhinidae

*Burhinus oedicnemus*

Glareolidae

*Cursorius cursor*

*Glareola pratincola*

Charadriidae

*Charadrius alexandrinus*

*Charadrius morinellus (Eudromias morinellus)*

*Pluvialis apricaria*

*Hoplopterus spinosus*

Scolopacidae

*Calidris alpina schinzii*

*Philomachus pugnax*

*Gallinago media*

*Limosa lapponica*

*Numenius tenuirostris*

*Tringa glareola*

*Xenus cinereus (Tringa cinerea)*

*Phalaropus lobatus*

Laridae

*Larus melanocephalus*

*Larus genei*

*Larus audouinii*

*Larus minutus*

Sternidae

*Gelochelidon nilotica (Sterna nilotica)*

*Sterna caspia*

*Sterna sandvicensis*

*Sterna dougallii*

*Sterna hirundo*

*Sterna paradisaea*

*Sterna albifrons*

*Chlidonias hybridus*

*Chlidonias niger*

Alcidae

*Uria aalge ibericus*

PTEROCLIFORMES

Pteroclididae

*Pterocles orientalis*

*Pterocles alchata*

COLUMBIFORMES

Columbidae

*Columba palumbus azorica*

*Columba trocaz*

*Columba bollii*

*Columba junoniae*

STRIGIFORMES

Strigidae

*Bubo bubo*

*Nyctea scandiaca*

*Surnia ulula*

*Glaucidium passerinum*

*Strix nebulosa*

*Strix uralensis*

*Asio flammeus*

*Aegolius funereus*

CAPRIMULGIFORMES

Caprimulgidae

*Caprimulgus europaeus*

APODIFORMES

Apodidae

*Apus caffer*

CORACIIFORMES

Alcedinidae

*Alcedo atthis*

Coraciidae

*Coracias garrulus*

PICIFORMES

Picidae

*Picus canus*

*Dryocopus martius*

*Dendrocopos major canariensis*

*Dendrocopos major thanneri*

*Dendrocopos syriacus*

*Dendrocopos medius*

*Dendrocopos leucotos*

*Picoides tridactylus*

PASSERIFORMES

Alaudidae

*Chersophilus duponti*

*Melanocorypha calandra*

*Calandrella brachydactyla*

*Galerida theklae*

*Lullula arborea*

Motacillidae

*Anthus campestris*

Troglodytidae

*Troglodytes troglodytes fridariensis*

Muscicapidae (Turdinae)

*Luscinia svecica*

*Saxicola dacotiae*

*Oenanthe leucura*

*Oenanthe cypriaca*

*Oenanthe pleschanka*

Muscicapidae (Sylviinae)

*Acrocephalus melanopogon*

*Acrocephalus paludicola*

*Hippolais olivetorum*

*Sylvia sarda*

*Sylvia undata*

*Sylvia melanothorax*

*Sylvia rueppelli*

*Sylvia nisoria*

Muscicapidae (Muscicapinae)

*Ficedula parva*

*Ficedula semitorquata*

*Ficedula albicollis*

Paridae

*Parus ater cypriotes*

Sittidae

*Sitta krueperi*

*Sitta whiteheadi*

Certhiidae

*Certhia brachydactyla dorotheae*

Laniidae

*Lanius collurio*

*Lanius minor*

*Lanius nubicus*

Corvidae

*Pyrrhocorax pyrrhocorax*

Fringillidae (Fringillinae)

*Fringilla coelebs ombriosa*

*Fringilla teydea*

Fringillidae (Carduelinae)

*Loxia scotica*

*Bucanetes githagineus*

*Pyrrhula murina (Pyrrhula pyrrhula murina)*

Emberizidae (Emberizinae)

*Emberiza cineracea*

*Emberiza hortulana*

*Emberiza caesia*

## *ANNESS II*

### PARTI A

ANSERIFORMES

Anatidae

*Anser fabalis*

*Anser anser*

*Branta canadensis*

*Anas penelope*

*Anas strepera*

*Anas crecca*

*Anas platyrhynchos*

*Anas acuta*

*Anas querquedula*

*Anas clypeata*

*Aythya ferina*

*Aythya fuligula*

GALLIFORMES

Tetraonidae

*Lagopus lagopus scoticus et hibernicus*

*Lagopus mutus*

Phasianidae

*Alectoris graeca*

*Alectoris rufa*

*Perdix perdix*

*Phasianus colchicus*

GRUIFORMES

Rallidae

*Fulica atra*

CHARADRIIFORMES

Scolopacidae

*Lymnocryptes minimus*

*Gallinago gallinago*

*Scolopax rusticola*

COLUMBIFORMES

Columbidae

*Columba livia*

*Columba palumbus*

### PARTI B

ANSERIFORMES

Anatidae

*Cygnus olor*

*Anser brachyrhynchus*

*Anser albifrons*

*Branta bernicla*

*Netta rufina*

*Aythya marila*

*Somateria mollissima*

*Clangula hyemalis*

*Melanitta nigra*

*Melanitta fusca*

*Bucephala clangula*

*Mergus serrator*

*Mergus merganser*

GALLIFORMES

Meleagridae

*Meleagris gallopavo*

Tetraonidae

*Bonasa bonasia*

*Lagopus lagopus lagopus*

*Tetrao tetrix*

*Tetrao urogallus*

Phasianidae

*Francolinus francolinus*

*Alectoris barbara*

*Alectoris chukar*

*Coturnix coturnix*

GRUIFORMES

Rallidae

*Rallus aquaticus*

*Gallinula chloropus*

CHARADRIIFORMES

Haematopodidae

*Haematopus ostralegus*

Charadriidae

*Pluvialis apricaria*

*Pluvialis squatarola*

*Vanellus vanellus*

Scolopacidae

*Calidris canutus*

*Philomachus pugnax*

*Limosa limosa*

*Limosa lapponica*

*Numenius phaeopus*

*Numenius arquata*

*Tringa erythropus*

*Tringa totanus*

*Tringa nebularia*

Laridae

*Larus ridibundus*

*Larus canus*

*Larus fuscus*

*Larus argentatus*

*Larus cachinnans*

*Larus marinus*

COLUMBIFORMES

Columbidae

*Columba oenas*

*Streptopelia decaocto*

*Streptopelia turtur*

PASSERIFORMES

Alaudidae

*Alauda arvensis*

Muscicapidae

*Turdus merula*

*Turdus pilaris*

*Turdus philomelos*

*Turdus iliacus*

*Turdus viscivorus*

Sturnidae

*Sturnus vulgaris*

Corvidae

*Garrulus glandarius*

*Pica pica*

*Corvus monedula*

*Corvus frugilegus*

*Corvus corone*

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Cygnus olor* | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | + | | | | | | | | |
| *Anser brachyrhynchus* | + | | | + | | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | + |
| *Anser albifrons* | + | + | + | + | + | + | + | | + | + | | + | + | + | | + | | + | | + | | + | | + | | + | + |
| *Branta bernicla* | | | | + | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Netta rufina* | | | | | | | | + | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Aythya marila* | + | | | + | + | | + | | + | + | | | + | | | | | + | | | | + | | | | | + |
| *Somateria mollissima* | | | | + | | + | | | + | + | | | | | | | | | | | | | | | + | + | |
| *Clangula hyemalis* | | | | + | | + | | | + | + | | | + | | | | | | | | | | | | + | + | + |
| *Melanitta nigra* | | | | + | + | + | | | + | + | | | + | | | | | | | | | | | | + | + | + |
| *Melanitta fusca* | | | | + | + | | | | + | + | | | + | | | | | | | | | | | | + | + | + |
| *Bucephala clangula* | | | | + | | + | + | | + | + | | | + | + | | + | | | + | | | + | | | + | + | + |
| *Mergus serrator* | | | | + | | | | | | + | | | | | | | + | | | | | | | | + | + | |
| *Mergus merganser* | | | | + | | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | + | + | |
| *Bonasa bonasia* | | | | | | + | | | + | | | | + | | | | | | + | + | | + | | + | + | + | |
| *Lagopus lagopus lagopus* | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | + | + | |
| *Tetrao tetrix* | + | | | | + | | | | + | | + | | + | | | | | | + | | | | | | + | + | + |
| *Tetrao urogallus* | | + | | | + | | | | + | | + | | + | | | | | | + | | | + | | | + | + | + |
| *Francolinus francolinus* | | | | | | | | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Alectoris barbara* | | | | | | | | + | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Alectoris chukar* | | + | | | | | + | | | | | + | | | | | + | | + | | + | + | | | | | |
| *Coturnix coturnix* | | + | | | | | + | + | + | | + | + | | | | | + | | + | | + | + | | | | | |
| *Meleagris gallopavo* | | | + | | + | | | | | | | + | | | | | | | + | | | | | + | | | |
| *Rallus aquaticus* | | | | | | | | | + | | + | | | | | | + | | | | | | | | | | |
| *Gallinula chloropus* | + | | | | | | + | | + | | + | | | | | | + | | | | + | + | | | | | + |
| *Haematopus ostralegus* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Pluvialis apricaria* | + | | | + | | | + | | + | + | | | | | | | + | + | | | + | | | | | | + |
| *Pluvialis squatarola* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | + | | | | | | | | | | + |
| *Vanellus vanellus* | + | | | + | | | + | + | + | + | + | | | | | | + | | | | | | | | | | |
| *Calidris canutus* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Philomachus pugnax* | | | | | | | | | + | | + | | | | | | + | | | | | | | | | | |
| *Limosa limosa* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Limosa lapponica* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | + |
| *Numenius phaeopus* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | + |
| *Numenius arquata* | | | | + | | | | | + | + | | | | | | | | | | | | | | | | | + |
| *Tringa erythropus* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Tringa totanus* | | | | + | | | | | + | | + | | | | | | | | | | | | | | | | + |
| *Tringa nebularia* | | | | + | | | | | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Larus ridibundus* | + | | | + | + | + | | + | | | | | | | | + | | | + | | | | | + | | + | |
| *Larus canus* | | | | + | + | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | | + | + | |
| *Larus fuscus* | | | | + | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *Larus argentatus* | + | | | + | + | + | | | | | | | + | | | | | | | | | | | | + | + | |
| *Larus cachinnans* | | | | | | | | + | | | | | | | | + | | | | | | | | | | | |
| *Larus marinus* | | | | + | + | + | | | | | | | | | | | | | | | | | | | + | + | |
| *Columba oenas* | | | | | | | + | + | + | | | + | | | | | | | | | + | + | | | | | |
| *Streptopelia decaocto* | | + | + | + | + | | | | + | | | + | | | | + | | | + | | | + | | + | | | |
| *Streptopelia turtur* | | + | | | | | + | + | + | | + | + | | | | | + | | + | | + | + | | | | | |
| *Alauda arvensis* | | | | | | | + | | + | | + | + | | | | | + | | | | | + | | | | | |
| *Turdus merula* | | | | | | | + | | + | | + | + | | | | | + | | | | + | | | | | + | |
| *Turdus pilaris* | | | | | | + | + | + | + | | + | + | | | | | + | | + | | + | + | | | + | + | |
| *Turdus philomelos* | | | | | | | + | + | + | | + | + | | | | | + | | | | + | + | | | | | |
| *Turdus iliacus* | | | | | | | + | + | + | | + | + | | | | | + | | | | + | + | | | | | |
| *Turdus viscivorus* | | | | | | | + | + | + | | | + | | | | | + | | | | + | + | | | | | |
| *Sturnus vulgaris* | | + | | | | | + | + | + | | | + | | | | + | + | | | | + | + | | | | | |
| *Garrulus glandarius* | + | | | + | + | | | | + | | + | | | | + | + | | + | | | + | + | + | + | | + | + |
| *Pica pica* | + | + | + | + | + | | + | + | + | | + | + | + | | + | + | | + | | | + | + | + | + | + | + | + |
| *Corvus monedula* | | + | | | | | + | + | | | | + | | | | | | + | | | | + | | | + | + | + |

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Corvus frugilegus* | | + | | | | + | | | + | | | | | + | | + | | | | | | + | | + | | + | + |
| *Corvus corone* | + | + | + | + | + | + | + | + | + | | + | + | + | + | + | + | | + | | | + | + | + | + | + | + | + |

AT = Österreich, BE = Belgique/België, BG = България, CY = Κύπρος, CZ = Česká republika, DE = Deutschland, DK = Danmark, EE = Eesti, ES = España, FI = Suomi/Finland, FR = France, EL = Ελλάδα, HU = Magyarország, IE = Ireland, IT = Italia, LT = Lietuva, LU = Lussemburgu, LV = Latvija, MT = Malta, NL = Nederland, PL = Polska, PT = Portugal, RO = România, SE = Sverige, SI = Slovenija, SK = Slovensko, UK = United Kingdom

+ = Stati Membri li bis-saħħa tal-Artikolu 7(3) jistgħu jawtorizzaw kaċċa tal-ispeċi indikati.

*ANNESS III*

PARTI A

ANSERIFORMES

Anatidae

*Anas platyrhynchos*

GALLIFORMES

Tetraonidae

*Lagopus lagopus lagopus, scoticus et hibernicus*

Phasianidae

*Alectoris rufa*

*Alectoris barbara*

*Perdix perdix*

*Phasianus colchicus*

COLUMBIFORMES

Columbidae

*Columba palumbus*

PARTI B

ANSERIFORMES

Anatidae

*Anser albifrons albifrons*

*Anser anser*

*Anas penelope*

*Anas crecca*

*Anas acuta*

*Anas clypeata*

*Aythya ferina*

*Aythya fuligula*

*Aythya marila*

*Somateria mollissima*

*Melanitta nigra*

GALLIFORMES

Tetraonidae

*Lagopus mutus*

*Tetrao tetrix britannicus*

*Tetrao urogallus*

GRUIFORMES

Rallidae

*Fulica atra*

CHARADRIIFORMES

Charadriidae

*Pluvialis apricaria*

Scolopacidae

*Lymnocryptes minimus*

*Gallinago gallinago*

*Scolopax rusticola*

## *ANNESS IV*

(a) — Nases (bl-eċċezjoni tal-Finlandja, u tal-Isvezja għal qbid ta' *Lagopus lagopus lagopus* u *Lagopus mutus* 'il fuq mil-latitudini 58°N), ġebel ganċijiet, għasafar ħajjin li huma għomja jew mutilati użati bħal lixki, *tape recorders*, apparat li jagħti xokkijiet,

— Sorsi artifiċjali tad-dawl, mirja, apparat li jilluminaw miri, apparat tal-vista għal kaċċa bil-lejl li jkun fihom lenti jew konvertitur tal-immaġini,

— Splussivi,

— Xbiek, nasses, lixki valenati jew anestetiċi,

— Armi nofshom awtomatiċi jew awtomatiċi bil-magazin kapaċi li jaħżen aktar minn żewġ dawriet ta' munizzjoni.

(b) — Ajruplani u vetturi,

— Dgħajjes misjuqa f'veloċità qawwija li taqbeż il-ħames kilometri fis-siegħa. Fil-baħar miftuħ, l-Istati Membri jistgħu, għar-raġunijiet tas-sigurtà jawtorizzaw l-użu tad-dgħajjes bil-mutur bil-veloċità massima ta' 18-il kilometru fis-siegħa. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija.

---

## *ANNESS V*

(a) Listi nazzjonali tal-ispeċi fil-perikolu li jispiċċaw jew partikolarment speċi fil-perikolu, b'kunsiderazzjoni tad-distribuzzjoni ġeografika tagħhom;

(b) Elenkar u deskrizzjoni ekoloġika taż-żoni partikolarment importanti tar-rotot migratorji u postijiet tat-trobbija u tal-bejtiet;

(c) Elenkar tad-data fuq il-livelli tal-popolazzjoni tal-ispeċi li jemigraw dwar ir-rotot tagħhom tal-migrazzjoni u l-postijiet tat-trobbija u tal-bejtiet;

(d) Elenkar tad-data dwar il-livelli tal-popolazzjoni tal-ispeċi li jemigraw kif muri permezz taċ-ċrieket;

(e) Stima tal-influwenza tal-metodi li jieħdu l-għasafar selvaġġi dwar il-livelli tal-popolazzjoni;

(r) Zvillupp u raffinar tal-metodi lokali li jipprevjenu t-tip tal-ħsara kawżata mill-għasafar;

(g) Stabbiliment tal-irwol ta' ċerti speċi bħala indikaturi tat-tniġġis;

(h) Studju tal-effett ħażin tat-tniġġis kimiku fuq il-livelli tal-popolazzjoni tal-ispeċi tal-għasafar.

*ANNESS VI*

PARTI A

**DIRETTIVA MĦASSRA FLIMKIEN MA' LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA**

(imsemmija fl-Artikolu 18)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE<br>(ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1) | |
| Att ta' Adeżjoni 1979, Anness I, punt XIII.1.F<br>(ĠU L 291, 19.11.1979, p. 111) | |
| Direttiva tal-Kunsill 81/854/KEE<br>(ĠU L 319, 7.11.1981, p. 3) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 85/411/KEE<br>(ĠU L 233, 30.8.1985, p. 33) | |
| Att ta' Adeżjoni 1985, Anness I, punt X.1.(h) u X 6<br>(ĠU L 302, 15.11.1985, p. 218) | |
| Direttiva tal-Kunsill 86/122/KEE<br>(ĠU L 100, 16.4.1986, p. 22) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 91/244/KEE<br>(ĠU L 115, 8.5.1991, p. 41) | |
| Direttiva tal-Kunsill 94/24/KE<br>(ĠU L 164, 30.6.1994, p. 9) | |
| Att ta' Adeżjoni 1994, Anness I, point VIII.E.1<br>(ĠU C 241, 29.8.1994, p. 175) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 97/49/KE<br>(ĠU L 223, 13.8.1997, p. 9) | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003<br>(ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36) | l-Anness III, punt 29 biss |
| Att ta' Adeżjoni 2003, Anness II, punt 16.C.1<br>(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 667) | |
| Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE<br>(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368) | rigward ir-referenza magħmula fl-Artikolu 1 tagħha għad-Direttiva 79/409/KEE, u l-Anness, punt A (1), biss |
| Direttiva tal-Parlament u l-Kunsill 2008/102/KE<br>(ĠU L 323, 3.12.2008, p. 31) | |

PARTI B

**LIMITI TA' ŻMIEN GĦAT-TRASPOŻIZZJONI FIL-LIĠI NAZZJONALI**

(imsemmija fl-Artikolu 18)

| Direttivi | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 79/409/KEE | fis-7 ta' April 1981. |
| 81/854/KEE | — |
| 85/411/KEE | fil-31 ta' Lulju 1986. |
| 86/122/KEE | — |
| 91/244/KEE | fil-31 ta' Lulju 1992. |
| 94/24/KE | fid-29 ta' Settembru 1995. |
| 97/49/KE | fit-30 ta' Settembru 1998. |
| 2006/105/KE | fl-1 ta' Jannar 2007. |
| 2008/102/KE | — |

*ANNESS VII*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Direttiva 79/409/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(1) u (2) | Artikolu 1(1) u (2) |
| Artikolu 1(3) | — |
| Artikoli 2 sa 5 | Artikoli 2 sa 5 |
| Artikolu 6(1), (2) u (3) | Artikolu 6(1), (2) u (3) |
| Artikolu 6(4) | — |
| Artikolu 7(1), (2) u (3) | Artikolu 7(1), (2) u (3) |
| Artikolu 7(4) l-ewwel sentenza | Artikolu 7(4) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 7(4) it-tieni sentenza | Artikolu 7(4) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 7(4) it-tielet sentenza | Artikolu 7(4) it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 7(4) ir-raba' sentenza | Artikolu 7(4) ir-raba' subparagrafu |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 9(2) kliem tal-bidu | Artikolu 9(2) kliem tal-bidu |
| Artikolu 9(2) l-ewwel inċiż | Artikolu 9(2)(a) |
| Artikolu 9(2) it-tieni inċiż | Artikolu 9(2)(b) |
| Artikolu 9(2) it-tielet inċiż | Artikolu 9(2)(c) |
| Artikolu 9(2) ir-raba' inċiż | Artikolu 9(2)(d) |
| Artikolu 9(2) il-ħames inċiż | Artikolu 9(2)(e) |
| Artikolu 9(3) | Artikolu 9(3) |
| Artikolu 9(4) | Artikolu 9(4) |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 10(1) l-ewwel sentenza |
| Artikolu 10(2) l-ewwel sentenza | Artikolu 10(1) it-tieni sentenza |
| Artikolu 10(2) it-tieni sentenza | Artikolu 10(2) |
| Artikoli 11 sa 15 | Artikoli 11 sa 15 |
| Artikolu 16(1) | — |
| Artikolu 17 | Artikolu 16 |
| Artikolu 18(1) | — |
| Artikolu 18(2) | Artikolu 17 |

| Direttiva 79/409/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 18 |
| — | Artikolu 19 |
| Artikolu 19 | Artikolu 20 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II/1 | Anness II parti A |
| Anness II/2 | Anness II parti B |
| Anness III/1 | Anness III parti A |
| Anness III/2 | Anness III parti B |
| Anness IV | Anness IV |
| Anness V | Anness V |
| — | Anness VI |
| — | Anness VII |